Nru. 17,830
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 18 ta' Ottubru, 2005
Tuesday, 18th October, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1049

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,827 u 17,828 tal-11 u l-14 ta' Ottubru, 2005 rispettivament.

A.L. Nru. 330 ta' l-2005: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2005 dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Riċerka u Żvilupp).

A.L. Nru. 331 ta' l-2005: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Operazzjonijiet *Back Office)*.

A.L. Nru. 332 ta' l-2005: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Sidien u Operaturi ta' Mħażen li Jinsabu f'Żoni Ħielsa).

A.L. Nru. 333 ta' l-2005: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Negozju Elettroniku).

A.L. Nru. 334 ta' l-2005: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2005 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-Ġdid.

A.L. Nru. 335 ta' l-2005: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2005 dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Ġenerali u Speċifiċi).

A.L. Nru. 336 ta' l-2005: Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet (Att Nru. IX ta' l-2003), Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233); Regolamenti ta' l-2005 li jemenda r-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet (Tneħħija).

GOVERNMENT NOTICES

No. 1049

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,827 and 17,828 of the 11th and 14th October, 2005 respectively.

L.N. No. 330 of 2005: Income Tax Act (Cap. 123); Deductions and Tax Credits (Research and Development) Rules, 2005.

L.N. No. 331 of 2005: Income Tax Act (Cap. 123); Tax Credit (Back Office Operations) Rules, 2005.

L.N. No. 332 of 2005: Income Tax Act (Cap. 123); Tax Credits (Owners and Operators of Warehouses Situated in Free Zones) Rules, 2005.

L.N. No. 333 of 2005: Income Tax Act (Cap. 123); Tax Credit (Electronic Business) Rules, 2005.

L.N. No. 334 of 2005: Income Tax Act (Cap. 123); Reinvestment Tax Credit (Income Tax) Rules, 2005.

L.N. No. 335 of 2005: Income Tax Act (Cap. 123); Deductions and Tax Credits (General and Specific Qualifications) Rules, 2005.

L.N. No. 336 of 2005: Various Laws (Amendment) Act, 2003 (Act No. IX of 2003), External Transactions Act (Cap. 233); Restrictions (Revocation) (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 337 ta' l-2005: Att ta' l-2005 dwar l-Arkivji Nazzjonali (Att Nru. V ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

It-18 Ottubru, 2005

L.N. No. 337 of 2005: National Archives Act, 2005 (Act No. V of 2005); Commencement Notice.

18th October, 2005

Nru. 1050

KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (ATT XV TA' L-2001)

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1001 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Settembru 2005, ngħarrfu b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru approva illi l-ħatriet li ġejjin fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sat-28 ta' Settembru 2006:

Membri

Is-Sur Paul Abela, President tal-*General Retailers and Traders Union*

Ms Cecilia Attard Pirotta, BA(Hons) Pub. Admin, M.Dip, Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jirrapreżenta l-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sur Gejtu Mercieca, Deputat Segretarju Ġenerali tal-*General Workers' Union*

Membri Sostituti

Is-Sur Vincent Farrugia, BA(Hons), Econ. D.Econ, Direttur Ġenerali tal-*General Retailers and Traders Union*

Is-Sur John Inguanez, BA(Hons)Pub.Admin, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jirrapreżenta l-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea

It-18 ta' Ottubru, 2005
OPM/181/2001/III

No. 1050

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT (ACT XV OF 2001)

WITH reference to Government Notice No. 1001 published in the Government Gazette of 30th September 2005, it is hereby notified for general information that the Prime Minister has approved the following appointments on the Malta Council for Economic and Social Development up to 28th September 2006:

Members

Mr Paul Abela, President of the General Retailers and Traders Union

Ms Cecilia Attard Pirotta, BA(Hons) Pub. Admin, M.Dip., Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, representing European Union Affairs

Mr Gejtu Mercieca, Deputy Secretary General of the General Workers' Union

Substitute Members

Mr Vincent Farrugia, BA(Hons), Econ. D.Econ, Director General of the General Retailers and Traders Union

Mr John Inguanez, BA(Hons)Pub.Admin, Ministry of Foreign Affairs, representing European Union Affairs

18th October, 2005

Nru. 1051

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni Nru. 160 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-14 ta' Frar, 2003, ngħarrfu b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi Dott. Godwin Cassar, Direttur Ġenerali, Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar, ġie maħtur għall-post ta' Direttur (Protezzjoni ta' l-Ambjent) *(ex-officio)* fil-Kunsill ta' l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* b'seħħ mit-13 ta' Settembru, 2005.

It-18 ta' Ottubru, 2005

No. 1051

MALTA STANDARDS AUTHORITY

WITH reference to Notice No. 160 published in the Government Gazette of the 14th February, 2003, it is hereby notified for general information that Dr Godwin Cassar, Director General, Malta Environment and Planning Authority, has been appointed to fill the post of Director (Environmental Protection) (ex officio) on the Council of the Malta Standards Authority as from 13th September, 2005.

18th October, 2005

Nru. 1052

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 1052

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 340	Mario Kitcher	The Pastry King 58, Triq Pawlu Mifsud Żebbuġ, Malta	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	20.09.05
CD/3209/2005 Pt 347	Josef Camilleri	Mister Fish Triq il-Ġnien Ta' Xbiex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.8	28.09.05
CD/3209/2005 Pt 351	Stephen Micallef	Sun Down Yard 7, Wied il-Għasel Burmarrad l/o San Pawl il-Baħar	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II – Manufacturing activities*	25	04.10.05
CD/3209/2005 Pt 352	Charles Schembri	Sun Down Yard 14/15, Wied il-Għasel Burmarrad l/o San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.8	05.10.05
CD/3209/2005 Pt 353	Edmond Fenech	Swatar Meat Shop Triq Giuseppe Calleja Swatar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.22	06.10.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 355	Christopher Sant	Sun Down Yard 9, Wied il-Għasel Burmarrad l/o San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2 50.3	06.10.05
CD/3209/2005 Pt 357	Henry Portelli	The Model Centre 197, Triq il-Karmnu Fgura	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.9	10.10.05
CD/3209/2005 Pt 359	Vanessa J Engerer	Peek-A-Boo 8, Triq John F Kennedy Victoria, Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42	10.10.05
CD/3209/2005 Pt 360	Teddy Rapa	Ta' Rapa 131, Triq Dr Anton Tabone Victoria, Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46	10.10.05
CD/3209/2005 Pt 364	Stephen Attard	3, Triq id-Dejma Fgura	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.24	11.10.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-18 ta' Ottubru, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

18th October, 2005

Nru. 1053

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Kunsill għat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi t-tibdil li ġej kien effettwat fil-kompożizzjoni tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali:

Is-Sur Joseph Vella, B.Pharm (Hons), M.Sc. ġie nominat bħala Segretarju biex jissostitwixxi lil Ms Sigrid Steenbergen, B.Sc (Hons).

It-18 ta' Ottubru, 2005

No. 1053

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Animal Welfare Council

IT is notified for general information that the following change has been effected in the composition of the Animal Welfare Council:

Mr Joseph John Vella, B.Pharm (Hons), M.Sc. has been appointed Secretary to substitute Ms Sigrid Steenbergen, B.Sc. (Hons).

18th October, 2005

Nru. 1054

BORD TA' L-ORKESTRA NAZZJONALI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1026 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ottubru, 2005, ngħarrfu b'din illi l-isem "Is-Sur Emy Bezzina" fil-lista tal-membri kellu jkun "Is-Sur Emy Scicluna".

It-18 ta' Ottubru, 2005

No. 1054

NATIONAL ORCHESTRA BOARD

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1026 published in the Government Gazette dated 11th October, 2005, it is hereby notified that the name "Mr Emy Bezzina" in the list of members should have read "Mr Emy Scicluna".

18th October, 2005

Nru. 1055

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

SKOND ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifikazzjoni ta' konċentrazzjoni bejn Mediterranean Nuance Group Limited (C36775) u Air Supplies & Catering Co. Limited (C2827) saret u ġiet aċċettata nhar it-Tlieta, il-11 ta' Ottubru 2005.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Mediterranean Nuance Group Limited ta' kontroll dirett b'kuntratt ta' Air Supplies & Catering Co. Limited.

Is-settur ekonomiku involut huwa dak ta' bejgħ bl-imnut fl-ajruport ta' Malta.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konċentrazzjoni notifikata.

No. 1055

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

IN terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Mediterranean Nuance Group Limited (C36775) and Air Supplies & Catering Co. Limited (C2827) was filed and accepted on Tuesday 11th October 2005.

The nature of the concentration is an acquisition by Mediterranean Nuance Group Limited of direct control by contract of Air Supplies & Catering Co. Limited.

The economic sector involved is the Malta airport retail sector.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta
Triq il-Kanun
Sta. Venera CMR 02
Malta

It-13 ta' Ottubru, 2005

Such observations should reach the Director of the Office for Fair Competition within seven days following publication of this notification at the following address:

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Triq il-Kanun
Sta. Venera CMR 02
Malta

13th October, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 57 ta' l-2005

Iffilmjar fil-Bajja ta' San Tumas u l-Mediterranean Film Studios

Il-Granada TV Ltd se tkun tiġbed film f'Malta. Jekk it-temp jippermetti, parti mill-ġbid ta' dal-film se jsir kif ġej:

Data	*Post*
L-Erbgħa, t-2 ta' Novembru, 2005	Il-Bajja ta' San Tumas
Il-Ħadd, 6 ta' Novembru 2005	Il-Bajja ta' San Tumas

Pożizzjoni

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35° 51'.10	14° 35'.30 'il barra fuq il-baħar

Data	*Post*
It-Tnejn, 7 ta' Novembru 2005	Mediterranean Film Studios
It-Tlieta, 8 ta' Novembru 2005	Mediterranean Film Studios

Pożizzjoni

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35° 53'.63	14° 32'.12 'il barra fuq il-baħar

Il-ħin tal-ġbid ta' film se jkun mis-6.00 a.m. sas-7.00 p.m. fil-Bajja ta' San Tumas u matul il-lejl fil-Mediterranean Film Studios, il-Kalkara (iffilmjar 'il barra fuq il-baħar).

Minħabba dan ta' hawn fuq, ikun meħtieġ xefaq ħieles minn kull biċċa tal-baħar matul id-dati u l-ħinijiet ta' l-iffilmjar. Għalhekk il-baħħara huma mitluba biex jevitaw l-inħawi msemmija hawn fuq.

Charts affettwati: BA 177, 194 u 2538.

It-18 ta' Ottubru, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 57 of 2005

Filming at St Thomas Bay and Mediterranean Film Studios

The Granada TV Ltd will be shooting a film in Malta. Weather permitting part of this filming will take place on the following:

Date	*Location*
Wednesday, 2nd November 2005	St Thomas Bay
Sunday, 6th November 2005	St Thomas Bay

Position

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 51'.10	14° 35'.30 out to sea

Date	*Location*
Monday, 7th November 2005	Mediterranean Film Studios
Tuesday, 8th November 2005	Mediterranean Film Studios

Position

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 53'.63	14° 32'.12 out to sea

The time of the filming will be from 6.00 a.m. to 7.00 p.m. at St Thomas Bay and during the night at the Mediterranean Film Studios, Kalkara (filming out to sea).

In view of the above, a clear horizon is required during the dates and times of filming. Hence mariners are requested to avoid the above-mentioned areas.

Charts affected: BA 177, 194 and 2538.

18th October, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 58 ta' l-2005

Spezzjoni ta' Qiegħ il-Baħar fil-Ponta tal-Qrajten, Marsaxlokk

It-Taqsima tal-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd se tmexxi spezzjonar ta' qiegħ il-baħar fil-Ponta tal-Qrajten, Marsaxlokk, bejn il-punti A u B u x-xatt intermedju kif muri fuq iċ-*chart*. Barkun tat-tħaffir u lanċa ta' l-irmonk se jintużaw f'din l-ispezzjoni.

Minħabba dan ta' hawn fuq, sidien ta' bastimenti li għandhom bastimenti, irmiġġi u rkapti fl-inħawi indikati u l-madwar għandhom ineħħuhom mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2005. Kull bastiment, irmiġġ jew irkaptu li jitħallew fl-inħawi msemmija hawn fuq jitneħħew wara din id-data. L-Awtorità Marittima ta' Malta ma tkunx responsabbli mill-ħsarat li jsiru matul il-ħidmiet ta' tneħħija.

Chart affettwata: BA 36.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp.

It-18 ta' Ottubru, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 58 of 2005

Seabed Investigation at Il-Ponta tal-Qrajten, Marsaxlokk

The Fisheries Conservation and Control Division will be conducting a seabed investigation at Il-Ponta tal-Qrajten, Marsaxlokk between points A and B and the intermediate coastline as indicated on the chart. A drilling barge and tug boat will be used for this investigation.

In view of the above, owners of boats that have boats, mooring and ground tackle in the indicated area and approaches are to be removed by not later than 1st November 2005. Any boat, mooring or ground tackle left in the above-mentioned area will be removed after this date. The Malta Maritime Authority will not be liable for damages sustained during the removal operations.

Chart affected: BA 36.

Parts of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp.

18th October, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 59 ta' l-2005

Tlielaq tal-Jet-Ski fil-Bajja ta' San Tumas/il-Ġnejna

Bajja ta' San Tumas – Tagħlim dwar Sewqan ta' *jet skis*

Se jsir tagħlim dwar sewqan ta' *jet skis* nhar il-Ħadd, it-23 ta' Ottubru 2005 bejn is-1.00 p.m. u l-4.00 p.m. It-tellieqa se ssir fl-inħawi magħluqin b'erba' bagi fil-pożizzjoni:

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude (E)*
A	35°51'.41	14°34'.57
B	35°51'.09	14°34'.61
C	35°51'.11	14°34'.81
D	35°51'.43	14°34'.66

Fil-każ ta' maltemp it-tlielaq isiru 'l hinn mill-Bajja tal-Ġnejna bejn il-pożizzjonijiet li ġejjin kif muri fiċ-*Chart* Nru. 2.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 59 of 2005

Jet-Ski Events at St Thomas Bay/Ġnejna Bay

St Thomas Bay - jet skis Driving Tuition

Jet - skis driving tuition will be held off St Thomas Bay on Sunday, 23rd October 2005 between 1.00 p.m. and 4.00 p.m. The race will be held inside the area enclosed by four buoys in position:

In case of rough weather the races may be held off Ġnejna Bay between positions as per Chart No. 2.

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude (E)*
A	35°55'.60	14°20'.11
B	35°55'.62	14°20'.17
C	35°55'.72	14°20'.15
D	35°55'.70	14°20'.06

Ngħarrfu lill-baħħara biex joqogħdu attenti fid-data msemmija hawn fuq u jbaħħru b'kawtela u bil-mod meta jkunu qrib l-inħawi msemmija hawn fuq.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA 2538.

Wieħed jista' jara parti miċ-*charts* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

It-18 ta' Ottubru, 2005

Mariners are advised to keep a sharp lookout on the date mentioned above and to navigate with caution and slow speed when close to the vicinity of the areas mentioned above.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA 2538.

Parts of charts can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

18th October, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar* (Anestesija) fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex

Din is-sejħa tieħu post dik li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Settembru 2005

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar* (Anestesija) fid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex.

2. Is-salarju għall-post ta' *Senior Registrar* (Anestesija) ikun ta' Lm7,521 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm275 sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, b'mod ġenerali kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Dipartiment tal-*Customer Services* b'mod partikolari u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jithallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Anaesthesia) in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo

This call for applications supersedes the one published in the Government Gazette on 20th September 2005

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Anaesthesia) in the Department of Customer Services, Ministry for Gozo.

2. The salary for the post of Senior Registrar (Anaesthesia) is Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Customer Services in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and public holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Persuna fil-grad ta' *Senior Registrar* (Anestesija) taħdem fid-Dipartiment ta' l-Anestesija u taqa' taħt id-Direttur ta' l-Anestesija u d-Direttur tal-*Customer Services*. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment ta' l-Anestesija.

5.2. Il-persuna nominata trid tagħmel xogħol fl-Anestesija u tkun meħtieġa li tipprovdi wkoll kura lill-pazjenti fl-*Intensive Care Unit*.

5.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel kull *theatre list* u turi interess speċjali f'*subspeciality* ta' l-Anestesija.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li turi inizjattiva u innovazzjoni u li tuża metodi moderni ta' *epidural analgesia* u ta' serħan mill-uġigħ wara l-operazzjoni.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem u li tieħu deċiżjonijiet waħidha fil-qasam kliniku.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

6.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li toqgħod Għawdex.

6.2. Il-persuna nominata tirċievi *allowance* kull xahar li tammonta għal Lm300 fis-sena għall-vjaġġ bejn iż-żewġ gżejjer u kumpens għall-kiri ta' akkomodazzjoni f'Għawdex ta' mhux aktar minn Lm100 fix-xahar wara li turi l-irċevuti u tipprovdi evidenza sodisfaċenti ta' residenza permanenti f'Malta.

7. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Senior Registrar (Anaesthesia) will work within the Department of Anaesthesia and will be accountable to the Director of Anaesthesia and to the Director of Customer Services. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Anaesthesia and to participate in its teaching programme.

5.2. The appointee will perform duties in Anaesthesia and will be expected to provide patient care in the Intensive Care Unit as well.

5.3. The appointee will be expected to perform any theatre list and show a special interest in an Anaesthetic subspeciality.

5.4. The appointee will be expected to show initiative and innovation and to provide modern methods of epidural analgesia and post-operative pain relief.

5.5. The appointee will be expected to work and take decisions in the clinical field.

5.6. The appointee will be expected to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates as required and to involve himself/herself in ongoing research programmes.

6.1. The appointee shall be required to reside in Gozo.

6.2. The appointee will be paid a monthly allowance of Lm300 per annum for travelling between the islands and a refund of the rent for accommodation in Gozo up to a maximum of Lm100 per month on the provision of receipts and of satisfactory evidence of permanent residence in Malta.

7. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

or

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni* ;

jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għal ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġizlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija (e.ż. FRCA jew kwalifika adatt komparabbli).

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply*;

or

(iv) the spouse of, and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legistlation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of a higher postgraduate qualification in Anaesthesia (e.g. FRCA or an approved appropriate comparable qualification).

e) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have even been in Government Service, giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full

applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatt għal dan il-post.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tal-*Customer Services,* Pjazza San Frangisk, ir-Rabat, Għawdex sa mhux tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru 2005.

13. L-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu wkoll minn dawn il-*websites:*-

www.doi.gov.mt/EN/employment_recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
www.gozo.gov.mt/webimages/documents/I2005.pdf

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 0356-563641).

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Dipartiment jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE.

It-18 ta' Ottubru, 2005

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that heċshe is fit for the post.

12. Applications, together with a curriculum vitae and the names of two referees, will be received in the first instance by the Director Customer Services, St Francis Square, Victoria, Gozo, by not later than noon of Friday, 4th November 2005.

13. Applications may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
www.gozo.gov.mt/webimages/documents/I2005.pdf

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is 0356-563641.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Department

* In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

18th October, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier (Mekkaniku) jew Inġinier *Junior* (Mekkaniku) fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier (Mekkaniku) jew *Junior Engineer* (Mekkaniku) fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex.

2.1 Il-post ta' Inġinier (Mekkaniku) għandu salarju ta' Lm5,841 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm192 sa massimu ta' Lm6,993 (Skala 9).

2.2 Suġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala 9 titla' għal Skala 8 (Lm6,211 x 209 – Lm7,465) wara sentejn servizz fil-grad u għal Skala 7 (Lm6,611 x 228 - Lm7,979) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata, (jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant*). Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' Inġiniera li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u d-Dipartiment tal-*Customer Services* b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla tipprattika privatament il-professjoni tagħha kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fuq bażi ta' *roster* li jinkludi xogħol nhar ta' Ħadd.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Inġinier (Mekkaniku) jinkludu:

(a) inkarigu u direzzjoni ta' manutenzjoni preventiva u tiswija ta' tagħmir bħal *boiler house* u *central heating, pump house,* tagħmir ta' *water treatment,* impjant tar-*Reverse Os-*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Engineer (Mechanical) or Junior Engineer (Mechanical) in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the post of Engineer (Mechanical) or Junior Engineer (Mechanical) in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo.

2.1 The post of Mechanical Engineer carries a salary of Lm5,841 per annum, rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,993 (Salary Scale 9).

2.2 Subject to satisfactory performance an Engineer in Scale 9 will proceed to Scale 8 (Lm6,211 x 209 – Lm7,465) on completion of two years service in the grade and to Scale 7 (Lm6,611 x 228 – Lm7,979) on completion of ten years of proven professional practice, (or eight years practice after obtaining warrant), provided that the qualifying period for progression from Scale 8 to 7 is reduced by two years in the case of Engineers in possession of an approved post graduate qualification.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Customer Services in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee may be required to perform duties on roster basis which will include Sunday attendance.

6. The duties of Engineer (Mechanical) include:

(a) taking charge of and directing preventive maintenance and repairs of equipment such as boiler houses and central heating, pump house, water treatment plants, reverse osmosis

mosis, impjant tad-drenaġġ, sistema ta' distribuzzjoni ta' l-ilma sħun u kiesaħ, impjant ta' *medical gases,* impjant ta' *airconditioning* u *refrigeration, lifts* u tagħmir ieħor bħal dan jew li jista' jiġi installat;

(b) tħejjija ta' speċifikazzjonijiet għal xiri ta' tagħmir mekkaniku u għotja ta' parir fuq offerti għal xiri ta' dan it-tagħmir;

(ċ) superviżjoni għat-tqegħid ta' tagħmir ġdid;

(d) superviżjoni u direzzjoni ta' *staff* tekniku, professjonali u industrijali;

(e) taħriġ tekniku, teoretiku u prattiku għall-i*staff* tekniku fl-oqsma tal-manutenzjoni u tiswija ta' apparat mekkaniku użat mill-Gvern u organizzazzjonijiet parastatali;

(f) assistenza liċ-*Chief Engineer* tad-Dipartiment u xogħol minfloku fin-nuqqas tiegħu.

7. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin);

jew

(iv) il-konjugi u t-tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond il-leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu gradwati minn Università rikonoxxuta fl-

plants, sewage plants, hot and cold water distribution systems, kitchen equipment, medical gases plant, airconditioning and refrigeration plants, lifts and such other equipment as is or as may be installed;

(b) preparing specifications for the purchase of mechanical equipment and to advise on tenders for the purchase of such equipment;

(c) supervising the erection of new equipment;

(d) supervising and directing technical, professional and industrial staff under his/her charge;

(e) providing technical, theoretical and practical training to the technical staff in the maintenance, servicing and repairs of mechanical equipment in general, and equipment used in Government and parastatal bodies in particular;

(f) assisting the Chief Engineer of the Department as required including deputising duties.

7. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) the spouse of, and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legistlation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a recognized University degree in

Inġinerija Mekkanika jew li għandhom l-approvazzjoni ta' Università rikonoxxuta li kwalifikaw għal din id-*degree;*

d) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier f'Malta;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (dawk li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

8.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand dawk il-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'7(i), (ii), (iii) u (v) iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* sabiex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier (Mekkaniku). Persuna magħżula taħt din il-klawsola tieħu l-ħatra ta' *Junior Engineer*, u tirċievi salarju ta' Lm5,507 x Lm175 – Lm6,557 (Skala ta' Salarju 10).

8.2 Hekk kif iġġib il-*warrant,* il-persuna fil-grad ta' *Junior Engineer,* sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti dmirijetha, tkun eliġibbli għall-promozzjoni ta' Inġinier fuq l-iskala msemmija f'paragrafu 2.

8.3 Applikazzjonijiet taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 7 (iv).

9.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali gpandhom jintwerew waqt l-intervista).

Mechanical Engineering or have ben approved by a recognized University for the award of that degree;

d) be in possession of a warrant to practice as an Engineer in Malta;

e) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have even been in Government Service, giving details).

8.1 Applications will also be received from persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 7(i), (ii), (iii) and (v) but have not yet received the warrant to practise as Mechanical Engineer. A candidate selected under this subsection will be appointed Junior Engineer with a salary scale of Lm5,507 x Lm175 – Lm6,557 (Salary scale 10).

8.2. On obtaining the said warrant to practise as an Engineer and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a salary as given in paragraph 2.

8.3. Applications under this paragraph will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 7 (iv).

9.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2 Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicants to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to NCPD.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11.1 L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' l-Għażla biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat miIl-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tal-*Customer Services.*

11.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:
http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond sezzjoni 1.1.10. tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatt għal dan il-post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.gozo.gov.mt/webimages/documents/i2005.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Victoria, Għawdex.

14. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Customer Services, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Rabat, VCT 102, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Novembru, 2005.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgha wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tinghata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356-21563641.

16. Tinghata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Dipartiment jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Ottubru, 2005

11.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Customer Services, Gozo.

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:
http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. The selected applicant will be medically examined to ascertain that heċshe is fit for the post.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.gozo.gov.mt/webimages/documents/i2005.pdf

or obtained from the Department of Customer Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

14. Applications will be received in the first instance by the Director Customer Services, Saint Francis Square, Victoria, Gozo by not later that noon of Friday, 11th November, 2005.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 - 21563641.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Department of Customer Services within seven (7) days.

18th October, 2005

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ingaġġ ta' *Speech Therapists* Sostituti Kazwali b'Kuntratt Definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Speech Therapists* Sostituti Każwali b'kuntratt definit bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ.

2. Is-salarju ta' *Speech Therapist* Sostitut Każwali jkun bir-rata ta' Lm4,889 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Speech Therapist*.

3. *Speech Therapists* Sostituti Kazwali jistgħu jaħdmu fuq bażi ta' *full-time* jew ta' *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu *pro-rata*. Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi ta' *full-time*, ikunu japplikaw il-provvedimenti ta' MPO Ċirkolari 50/96 u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas.

4. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* Sostitut Kazwali tkun minflok mpjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi ta' *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*Speech Therapist* Sostitut Każwali f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

6. *Speech Therapists* Sostituti Każwali ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Id-dmirijiet ta' *Speech Therapist* Sostitut Każwali jinkludu:

(a) provvediment ta' servizzi kliniċi rigward *Speech Therapy*;

(b) assessjar u kura ta' pazjenti bi problemi ta' komunikazzjoni kif ikunu allokati minn *staff* anzjan;

(ċ) żamma ta' *records* eżatti skond il-*policies* u l-proceduri tad-Dipartiment;

(d) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

8. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Engagement of Casual Substitute Speech Therapists on Definite Contract

The Permanent Secretary, Ministry of Health, the Elderly and Community Care invites applications for the engagement of Casual Substitute Speech Therapists on definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary.

2. The salary of a Casual Substitute Speech Therapist will be at the rate of Lm4,889 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Speech Therapist.

3. Casual Substitute Speech Therapists may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. A Casual Substitute Speech Therapist will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work the Casual Substitute Speech Therapist will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Speech Therapist at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks' salary.

6. Casual Substitute Speech Therapists will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. The duties of a Casual Substitute Speech Therapist include:

(a) provision of clinical services with regard to Speech Therapy;

(b) assessment and treatment of patients with communication problems as allocated by senior staff;

(c) keeping of accurate records in accordance with departmental policies and procedures;

(d) use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the position may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

8. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġizlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Speech Therapists* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa ta' l-applikazzjonijiet għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni)

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Speech Therapist with the Council for the Professions Complementary to Medicine;

d) be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications should be provided);

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.2. Il-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità jippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-istess Ministeru, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità:

http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

13. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Novembru 2005.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat iriċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Ottubru, 2005

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2. The result of the interviews will be published by the Ministry of Health, the Elderly and Community Care and exhibited on the notice board of the Office of the said Ministry, 15, Triq il-Merkanti, Valletta

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Ministry of Health, the Elderly and Community Care where it may be accessed at:

http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. Applications will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday 11 November 2005.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

18th October, 2005

EUROPEAN UNION

Vacancy Notice for Director in Directorate General Employment, Social Affairs and Equal Opportunities (DG EMPL)

The European Personnel Selection Office (EPSO), on behalf of the European Commission, has published the following call for applications for the recruitment of a Director in Directorate General Employment, Social Affairs and Equal Opportunities (Grade A*14) in the "Senior Management and Advisory Functions" section of its website at http://europa.eu.int/epso/index_en.htm

The Directorate-General for Employment, Social Affairs and Equal Opportunities has the task of contributing to the development of a modern, innovative and sustainable European Social Model with more and better jobs in an inclusive society based on equal opportunities.

It plays a key role in promoting positive interaction between economic, social and employment policies, bringing in the main players who can help to achieve the EU strategic objective, viz. to make Europe the world most competitive and dynamic knowledge-based economy, capable of sustainable economic growth, with more and better jobs and greater social cohesion.

The call is:

Ref: COM/2005/10006 – Director in Directorate General Employment, Social Affairs and Equal Opportunities (DG EMPL)

In the context of the enlargement of the European Union, the European Commission is recruiting a number of senior management officials from the ten new Member States. Applicants must therefore be citizens of one of the ten new Member States of the European Union (Cyprus, Czech Republic, Estonia, Hungary, Latvia, Lithuania, Malta, Poland, Slovakia and Slovenia).

This vacancy notice is the re-opening of procedure COM/078/04, which was published in the Official Journal C 92 A on 16 April 2004. The applications submitted in response to the initial publication remain valid. The vacancy was also published in the Official Journal No. C 248 A dated 7 October 2005 in the languages of the ten new Member States. This may be accessed through the above-mentioned EPSO website or through the website http://europa.eu.int/eur-lex/en/search/search_lif.html by clicking "Official Journal" and then "MT".

The Director will be appointed at grade A*14 and the salary and conditions of employment are those laid down in the Staff Regulations for A*14 grade officials of the European Communities. Applicants should note the requirement under the Staff Regulations for all new staff to complete successfully a nine-month probationary period.

Applicants must register via the Internet by going to the website:
http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/working_en.htm
and following the instructions there concerning the various stages of the procedure. The closing date for registration is 7 November 2005. On-line registration will not be possible after 12.00 noon Brussels time.

Candidates are advised that it is their responsibility to complete their online registration in time. They are strongly advised not to wait until the last few days before the deadline, since heavy internet traffic or a fault with their internet connection could lead to the online registration being terminated before having completed it, thereby obliging them to repeat the whole process. One will no longer be able to register one's inscription once the deadline for the submission of registration has passed.

Candidates are required to attach a curriculum vitae in word or pdf format to their application and to enter, online, a letter of motivation (maximum 8000 characters). Both the CV and letter must be written in either English, French or German.

Applicants with a disability that prevents them from registering online, may request, preferably by e-mail to: ADMIN-MANAGEMENT-ONLINE@cec.eu.int - a paper version of the form which they should fill in, sign and return by e-mail or registered mail, postmarked no later that the closing date for registration to: European Commission, Directorate-General 'Personnel and Administration', Organisation Chart and Management Staff Unit, COM/2005/10006, MO 34 5/105, B-1049 Brussels. Fax No. 0032/2.29.55304. All subsequent communication between them and the Commission will be by post. Such applicants must enclose with their application form a certificate attesting their disability, issued by a recognised body. They should also set out, on a separate sheet of paper, any special arrangements they think are needed to make it easier for them to take part in further stages of the selection process.

Further information on the full job description and duties, on eligibility, on qualifications and experience, on application details and other general information in respect of the above post may be seen at:
http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/working_senior_mgt_en.htm

This post is being published in parallel with a number of other senior management posts. Candidates who wish to apply for more than one post must submit a separate application for each post.

Candidates are advised to carefully check whether they meet all eligibility criteria, particularly concerning the types of diploma and professional experience required, before submitting their application.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

18th October, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal *lecturing staff* li l-membri tiegħu jkunu kwalifikati u bl-esperjenza fl-oqsma li ġejjin:

Health and Safety

L-applikanti għandu jkollhom *Health and Safety Diploma* rikonoxxuta mill-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol (OHSA) u jkollhom ta' l-anqas ħames snin esperjenza relevanti. L-applikanti magħżula jkunu meħtieġa li jagħtu *lectures* mil-1 sar-4 livell fil-korsijiet vokazzjonali f'diversi snajja'.

Agribusiness

L-applikanti għandu jkollhom l-ewwel *degree* relevanti minn istituzzjoni ta' l-edukazzjoni ogħla rikonoxxuta u l-kwalifiki vokazzjonali relevanti (it-tielet livell jew ogħla) u ta' l-anqas ħames snin esperjenza relevanti u l-esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u adatta.

L-applikanti li jintgħażlu jkunu meħtieġa li jgħallmu f'livelli differenti li jibdew mill-ewwel Livell, *Foundation*, sar-4 Livell, Diploma Nazzjonali Ogħla, kif meħtieġ. Il-persuna li tingħażel ikollha tagħti numru ta' *unit courses* jew kollha hi jew flimkien ma' membri oħra ta' l-i*staff*, kif ukoll li tmexxi programm ta' riċerka xieraq biex jilħad l-għanijiet ta' l-Istitut ta' l-*Agrobusiness*.

Din il-kariga tinkludi t-tagħlim tax-xjenza agrikola, l-ortikoltura, trobbija ta' annimali, tkabbir u kura tal-pjanti, mekkanika ta' l-agrikoltura u suġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-agrikoltura. Il-*lecturer* ikun responsabbli wkoll biex jiżviluppa pjan fit-tul għall-edukazzjoni fl-agrikoltura fl-Istitut u biex imexxi l-aspetti kollha tal-programm.

L-applikanti għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-Uffiċċju tal-*Human Resources,* MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn-nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, il-31 ta' Ottubru, 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA O8.

It-18 ta' Ottubru, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for lecturing staff who are qualified and experienced in the following areas:

Health and Safety

Applicants must be in possession of a Health and Safety Diploma recognized by the Occupational Health and Safety Authority (OHSA) and possess at least five years relevant experience. The selected applicants will be expected to deliver lectures in Levels 1 to 4 of vocational courses in various trades.

Agribusiness

Applicants should have a relevant first degree from a recognized higher education institution or relevant vocational qualifications (level three or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Successful applicants will be expected to teach at different levels starting from Level 1, Foundation up to Level 4, Higher National Diploma as required. He/She will deliver a number of unit courses either in full or in cooperation with other staff members, in addition to leading a research programme appropriate to the objectives of the Agribusiness Institute.

This position includes teaching agricultural science, horticulture, livestock, plant production and management, agriculture mechanics and other agricultural related subjects. The lecturer will also be responsible for developing a long-range plan for agriculture education in the Institute and for conducting all facets of the programme.

Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Huma Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than noon of Monday, 31st October 2005. Late applications will not be considered. If further information is required please refer to the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

18th October, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija flimkien ma' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta se jorganizza kors għal nisa minn 26 sena 'l fuq li jixtiequ jerġgħu lura għax-xogħol. Il-korsijiet iwasslu għal kwalifiki rikonoxxuti internazzjonalment ta' *Accounting Technicians* maħruġa mill-*Association of Accounting Technicians (UK).*

Il-kors isir sew fil-għodu kif ukoll fl-għaxija. Sessjonijiet ta' fil-għodu jkunu mfassla għal ommijiet bi tfal li jmorru l-iskola primarja.

Il-korsijiet jibdew f'Novembru 2005 u jintemmu f'Diċembru 2006.

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu miċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni u Appoġġ ta' l-MCAST, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid u miċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, 132, Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jikkuntattja:

Taqsima tar-Riżorsi Umani, MFSA,
Triq Notabile,
H'Attard,
Telefon Numru: 21 441 155,
email: kcutajar@mfsa.com.mt

jew

mill-Uffiċċju tad-Deputat Direttur,
Institute of Business and Commerce,
MCAST, Raħal Ġdid,
Telefon Numru: 21 827 270,
email: josef.buttigieg@mcast.edu.mt.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Ottubru, 2005.

It-18 ta' Ottubru, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology in association with the Malta Financial Services Authority will be organising a course aimed at women 26 years of age or older, wishing to return to the workforce. Courses will lead to internationally recognized qualifications for Accounting Technicians issued by the Association of Accounting Technicians (UK).

Courses will be run both during mornings and evenings. Morning sessions will be time tabled keeping in mind mothers with primary school aged children.

Courses will commence in November 2005 and end in December 2006.

Application forms are available from the MCAST Information and Support Centre, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola and MCAST Gozo Centre, 132, Triq it-Tiġrija, Xagħra.

For further information one can contact:

The Human Resources Unit, MFSA,
Triq Notabile,
Attard,
Telephone Number: 21 441 155,
email: kcutajar@mfsa.com.mt

or

The Deputy Director's Office,
Institute of Business and Commerce,
MCAST, Paola,
Telephone Number: 21 827 270,
email: josef.buttigieg@mcast.edu.mt.

Applications will be received till Friday, 28th October 2005.

18th October, 2005

Dan il-kors jaqa' taħt il-Programm ta' Fondi Strutturali
għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
This course falls under the Structural Funds Programme for Malta 2004-2006,
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

***Part-Time Lecturing Staff* - Fond Soċjali Ewropew**

L-MCAST jinħtieġ jingaġġa *part-time lecturing staff* li jkunu jridu jħarrġu adulti fl-oqsma li ġejjin:

Business and Commerce b'riferenza speċifika għal:

Proċeduri ġenerali ta' l-*Accounts*:
Kwalifiki meħtieġa: Ikunu gradwati fil-B.Com. li jkunu speċjalizzaw fl-*Accounts*, BA (Hons.) Accountancy, B.Accty. (Hons.), ACCA jew gradwati fl-MIA. PGCE ikun ta' vantaġġ.

Xogħol b'*Computerised Accounts:*
Kwalifiki meħtieġa: BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.) jew ikollhom esperjenza ppruvata fit-Taħriġ ta' SAGE Accounting Line 50. PGCE ikun ta' vantaġġ.

Ifornu Informazzjoni dwar l-*Accounts* għall-*Management Control:*
Kwalifiki meħtieġa: Ikunu gradwati fil-B.Com. li jkunu speċjalizzaw fl-*Accounts* BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.), ACCA jew gradwati fil-MIA. PGCE ikun ta' vantaġġ.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw u jaħdmu ma' studenti maturi. Kandidati li jintgħażlu jistgħu jkunu meħtieġa li jaqdu dmirijiet matul il-ħinijiet normali tal-Kulleġġ, wara l-ħinijiet normali u/jew Sibtijiet fil-għodu. Ikunu impjegati fuq bażi ta' kuntratt definit *part-time* li jintemm f'Diċembru 2006.

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-uffiċċju tar-Riżorsi Umani, mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Novembru, 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal tar-Riżorsi Umani, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08; www.mcast.edu.mt

It-18 ta' Ottubru, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Part-Time Lecturing Staff - European Social Fund

MCAST is seeking to recruit part-time lecturing staff willing to train adults in the following areas:

Business and Commerce with specific reference to:

General Accounting Procedures:
Qualifications required: B.Com. graduate with Accounts specialisation, BA (Hons.) Accountancy, B.Accty. (Hons.), ACCA or MIA graduate. PGCE will be an asset.

Working with Computerised Accounts:
Qualifications required: BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.) or evidenced experience in Training SAGE Accounting Line 50. PGCE will be an asset.

Supplying Accounting Information for Management Control:
Qualifications required: B.Com. graduate with Accounts specialisation BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.), ACCA or MIA graduate. PGCE will be an asset.

Applicants should have good communication skills and be capable of working with mature students. Successful candidates may be required to perform duties during normal College hours, after College hours and/or on Saturday mornings. They will be employed on a part-time definite contract basis ending in December 2006.

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources office, by not later than Wenesday, 2nd November 2005. Late applications will not be considered. Applications are to be addressed to the Human Resources Officer, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08; www.mcast.edu.mt

18th October, 2005

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett Ko-Finanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006,
Projects Part-Financed by the European Union
European Social Fund (ESF)

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 4 2005*

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li l-orarji ta' l-Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 4 2005* intbagħtu lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx it-*timetables* huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana 25982217 jew iċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex 21558341.

It-18 ta' Ottubru, 2005

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The London Chamber of Commerce and Industry Series 4 2005 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the timetables for the London Chamber of Commerce and Industry - Series 4 2005 Examinations have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received their timetables can contact the Department of Examinations, Floriana 25982217 or the Examinations Centre, Victoria, Gozo 21558341, immediately.

18th October, 2005

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Konsultazzjoni Pubblika

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi se ssir konsultazzjoni pubblika nhar it-Tlieta, l-1 ta' Novembru 2005, fis-Sala ta' l-Iskola Primarja Marija Bambina Ċ, Triq Qasam Barrani, il-Mellieħa, fis-6.00 p.m.

Bini ta' impjant għat-trattament tad-drenaġġ,
fiċ-Ċumnija, limiti tal-Mellieħa
(PA 06044/03 / GF 00046/01)

Wieħed jista' jara kopji ta' l-*Environmental Impact Statement* għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana u l-uffiċini tal-Kunsill Lokali Mellieħa, waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Kummenti bil-miktub dwar l-impatt ta' l-iżvilupp propost għandhom jaslu sa mhux aktar tard mit-8 ta' Novembru 2005 għand id-Direttur, Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St Francis Ravelin, il-Furjana.

Aktar dettalji jinstabu fuq il-*websites* li ġejjin:

www.mepa.org.mt u
http://www.mepa.org.mt/eia-malta/index.htm

It-18 ta' Ottubru, 2005

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Public Hearing

It is notified that a public hearing will be held on Tuesday, 1st November 2005, at the Marija Bambina Primary School C Hall, Triq Qasam Barrani, Mellieħa, at 6.00 p.m.

Construction of an urban wastewater treatment plant,
iċ-Ċumnija, l/o Mellieħa
(PA 06044/03 / GF 00046/01)

Members of the public may inspect copies of the draft Environmental Impact Statement at the Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, Floriana, and at the Mellieħa Local Council during office hours.

Written submissions on the impact of the proposed development should be sent to the Director, Environment Protection Directorate, Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, Floriana, by not later than 8th November 2005.

Further details can be obtained from the following websites:
www.mepa.org.mt and
http://www.mepa.org.mt/eia-malta/index.htm

18th October, 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-20 ta' Ottubru, 2005 għal:

CT 286/2005. Provvista ta' qomos – Dipartiment tal-Pulizija.

CT 287/2005. Provvista, stallazzjoni u kummissjoni ta' *packaged steam boiler* fl-Isptar San Luqa – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-25 ta' Ottubru, 2005 għal:

CT 283/2005. Xogħlijiet ta' tisbiħ u kostruzzjoni u tkomplija ta' Faċilitajiet Amministrattivi u ta' *Child Care* fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel - *Malta Industrial Parks Ltd.* Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF). *(Budget* allokat: Lm388,328 minħajr V.A.T.).

CT/R/ 7/2005. Sistema ta' dħul kontrollat ta' vetturi *(CVA system)* fil-Belt Valletta u l-Furjana - Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-13 ta' Settembru 2005.

CT 293/2005. Provvista ta' ħalib frisk xkumat għall-persuni deprivati skond ir-Regolament Numru 3149/1992 tal-KE. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-I*structural Funds Programme (SFP). (Budget* Allokat: Lm46,260.90 minħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-27 ta' Ottubru, 2005 għal:

CT 288/2005. Kampanja ta' informazzjoni fuq Proprjetà Intellettwali f'Malta – Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment taħt it-*Transition Facility Programme* għal Malta. (*Budget* allokat: Lm93,800 minħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Novembru, 2005 għal:

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 20th October, 2005, for:

CT 286/2005. Supply of shirts – Police Department.

CT 287/2005. Supply, installation and commissioning of a packaged steam boiler for St Lukes Hospital – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 25th October, 2005, for:

CT 283/2005. Embellishment works and construction and finishing of Administrative and Child Care Facility at Bulebel Industrial Estate - Malta Industrial Parks Ltd. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF) (Allocated budget: Lm388,328 excluding V.A.T.).

CT/R/ 7/2005. Controlled vehicular access (CVA) system in Valletta and Floriana - Malta Transport Authority.

The EU Contract Notice was dispatched on 13th September 2005.

CT 293/2005. Supply of fresh pasteurized skimmed milk for deprived persons in accordance to EC Regulation Number 3149/1992. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by under the Structural Funds Programme (SFP) (Allocated Budget: Lm46,260.90 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 27th October, 2005, for:

CT 288/2005. Information campaign on Intellectual Property in Malta – Ministry for Competitiveness and Communications. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially under the Transition Facility Programme for Malta. (Allocated budget: Lm93,800 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 1st November, 2005, for:

CT 282/2005. Kuntratt perjodiku għall-kiri ta' *mobile plant – WasteServ Malta Ltd.* Irid jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-31 ta' Awissu, 2005.

CT 284/2005. Bini ta' *civil amenity facility* fil-Magħtab – *WasteServ Malta Ltd.* Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* allokat: Lm82,930 mingħajr V.A.T.).

CT 285/2005. Bini ta' *civil amenity facility* fl-Imriehel, Ħal Far u Għawdex – *WasteServ Malta Ltd.* Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* allokat: *Lot* 1: Lm94,320.00, *Lot* 2: Lm136,325.00 u *Lot* 3: Lm80,360.00 mingħajr V.A.T.).

CT/N/ 1/2005. *Request for proposals for storage and processor consolidation infrastructure services – MITTS Ltd.* Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Awissu 2005.

CT 296/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *starter batteries* lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 297/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *bars, angles, plates and hollow sections* ta' azzar artab lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Novembru, 2005 għal:

CT 300/2005. Investigazzjonijiet ġeotekniċi - *Malta South Sewage Transmission Infrastructure* - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp *(ERDF). (Budget* allokat: Lm30,000 mingħajr V.A.T.).

CT 301/2005. *Public key infrastructure (PKI)* għall-*MITTS Ltd. – Malta Information Technology and Training Services Ltd.*

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Novembru, 2005 għal:

CT 289/2005. *Capacity building* għall-Malta Enterprise. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 282/2005. Period contract for the hire of mobile plant – WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm75 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 31st August 2005.

CT 284/2005. Construction of civil amenity facility at Magħtab – WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm82,930 excluding V.A.T.).

CT 285/2005. Construction of civil amenity facility at Mriehel, Ħal Far and Gozo – WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lot 1: Lm94,320.00, Lot 2: Lm136,325.00 and Lot 3: Lm80, 360.00 excluding V.A.T.).

CT/N/ 1/2005. Request for proposals for storage and processor consolidation infrastructure services – MITTS Ltd. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 29th August 2005.

CT 296/2005. Period contract for the supply of starter batteries to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 297/2005. Period contract for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 3rd November, 2005, for:

CT 300/2005. Geotechnical investigations - Malta South Sewage Transmission Infrastructure - Water Services Corporation. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm30,000 excluding V.A.T.).

CT 301/2005. Public key infrastructure (PKI) to MITTS Ltd. – Malta Information Technology and Training Services Ltd.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 8th November, 2005, for:

CT 289/2005. Capacity building for Malta Enterprise. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' Settembru, 2005.

CT 291/2005. Disinjar, manifattura, konsenja, twaqqif u kummissjonar ta' *mobile/prefabricated nursery units* biex iservu bħala estensjoni ta' bini eżistenti fil-Kulleġġ Malti għal Arti, Xjenza u Teknoloġija, *Main Campus,* Kordin, Raħal Ġdid. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp *(ERDF). (Budget* Allokat: Lm45,726.00 mingħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Novembru, 2005 għal:

CT 306/2005. Bini ta' kanal għall-ilma tax-xita fi Triq San Ġwakkin, l-Imriehel – Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 307/2005. Bini ta' appartamenti u *basement* fi *plot* 333, Triq il-Marokk, in-Naxxar – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Novembru, 2005 għal:

CT 298/2005. Provvista ta' kompjuters u *printers* – Dipartiment tal-Pulizija. Irid jitħalls dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 299/2005. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' *landing craft LC1* – Forzi Armati ta' Malta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Novembru, 2005 għal:

CT 292/2005. Xogħlijiet ċivili fil-*Hornworks/Crown Ditch - Park and Ride,* il-Furjana. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Novembru, 2005 għal:

CT 294/2005. Xiri ta' *computer systems* għal *Gozo Training Centre* u l-*ICT Learning Centre* – Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Programm dwar il-Fond Strutturali Ewropew(ESF). *(Budget* Allokat: Lm20,766 mingħajr V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 7th September 2005.

CT 291/2005. Design, manufacture, delivery, erection and commissioning of mobile/prefabricated nursery units to serve as an extension to an existing building at the Malta College of Arts, Science and Technology, Main Campus, Corradino, Paola. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm45,726.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 10th November, 2005, for:

CT 306/2005. Construction of storm water culvert in Triq San Ġwakkin, Mriehel – Roads Directorate. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 307/2005. Construction of apartments and basement on Plot 333, Triq il-Marokk, Naxxar - Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th November, 2005, for:

CT 298/2005. Supply of computers and printers – Police Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 299/2005. Sale tale quale and removal of landing craft LC1 – Armed Forces of Malta.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th November, 2005, for:

CT 292/2005. Civil works at Hornworks/Crown Ditch - Park and Ride, Floriana - Roads Directorate. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd November, 2005, for:

CT 294/2005. Purchase of computer systems for the Gozo Training Centre and the ICT Learning Centre – Ministry of Education. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds (ESF) Programme. (Allocated Budget: Lm20,766 excluding V.A.T.).

CT 295/2005. Bini ta' estensjoni fl-i*Skills Development Centre* tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) – Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* Allokat: Lm97,649.00 mingħajr V.A.T.).

CT 302/2005. Bini u tkomplija parzjali ta' *maisonettes* D55-D62, Pembroke - Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 303/2005. Bini ta' skola ġdida f'Tal-Ħandaq, Ħal Qormi - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Diċembru, 2005 għal:

CT 308/2005. Konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' makkinarju, għodod u tagħmir ta' l-*IT* għall-estensjoni ta' Skola tas-Snajja' u twaqqif ta' *Crafts Incubation Centre* - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta hija mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp *(ERDF)*. (Budget allokat: Lm41,986 mingħajr VAT).

CT 309/2005. W*eb design*, taħriġ u attività ta' riċerka għall-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija - Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm dwar il-Fond Ewropew Strutturali *(ESF)*. (*Budget* allokat: Lm37,900 mingħajr V.A.T.).

